ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 12

Edizzjoni bil-Malti

## Informazzjoni u Avviżi

Volum 54
15 ta' Jannar 2011

Avviż Nru — Werrej — Paġna

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2011/C 12/01 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – Implimentazzjoni tal-Artikolu 260(3) tat-TFUE . . . . . . . . . . . . . . . . . . 1

**Il-Bank Ċentrali Ewropew**

2011/C 12/02 Ftehim tal-31 ta' Diċembru 2010 bejn Eesti Pank u l-Bank Ċentrali Ewropew dwar il-klejm ikkreditat lil Eesti Pank mill-Bank Ċentrali Ewropew taħt l-Artikolu 30.3 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 6

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2011/C 12/03 Rata tal-kambju tal-euro . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 8

MT

**Prezz:**
**EUR 3**

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

| Avviż Nru | Werrej (ikompli) | Paġna |
|---|---|---|
| 2011/C 12/04 | Deċiżjoni tal-President tal-Kummissjoni Ewropea tal-10 ta' Jannar 2011 dwar in-nomina tal-membri tal-Grupp Ewropew dwar l-Etika fix-Xjenza u t-Teknoloġiji l-Ġodda għar-raba' mandat tiegħu ........ | 9 |
| | INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI | |
| 2011/C 12/05 | Festi pubbliċi fl-2011 ........ | 10 |


MT

II

*(Komunikazzjonijiet)*

## KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – Implimentazzjoni tal-Artikolu 260(3) tat-TFUE**

(2011/C 12/01)

### I. INTRODUZZJONI

1. Il-possibbiltà li jiġu imposti sanzjonijiet finanzjarji fuq Stat Membru li ma jkunx eżegwixxa sentenza li tikkonstata nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ġiet introdotta bit-Trattat ta' Maastricht, li għal dan il-għan emenda dak li qabel kien l-Artikolu 171 tat-Trattat KEE, li sar l-Artikolu 228 tat-Trattat KE, kif ukoll l-Artikolu 143 tat-Trattat Euratom ([1]). Fit-13 ta' Diċembru 2005, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni li tirrigwarda l-implimentazzjoni tal-Artikolu 228 tat-Trattat KE ([2]) (il-"Komunikazzjoni tal-2005"), li ssostitwiet iż-żewġ Komunikazzjonijiet preċedenti tal-1996 ([3]) u l-1997 ([4]).

2. It-Trattat ta' Lisbona jemenda l-Artikolu 228 tat-Trattat KE, li sar l-Artikolu 260 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), sabiex isaħħaħ żewġ aspetti tal-mekkaniżmu previst.

3. L-ewwel nett, fir-rigward tal-proċedura prevista fl-Artikolu 260(2) (l-ex Artikolu 228(2) tat-Trattat KE), it-Trattat ta' Lisbona jneħħi l-fażi prekontenzjuża li tinvolvi l-ħruġ ta' opinjoni motivata. Mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, jekk il-Kummissjoni tqis li Stat Membru ma jkunx eżegwixxa b'mod korrett sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, hija jkollha tieħu pass proċedurali prekontenzjuż wieħed biss, jiġifieri li tintbagħat ittra ta' intimazzjoni li tistieden lill-Istat Membru jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu ([5]). Wara dan, jekk il-Kummissjoni ma tkunx sodisfatta bl-osservazzjonijiet tal-Istat Membru jew jekk dan ma jkunx irrisponda, hija tista' tressaq il-każ direttament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 260(2). B'hekk, fil-prattika, il-proċedura prevista fl-Artikolu 260(2) se tiġi mħaffa, b'tali mod li d-dewmien medju tal-proċedura previst fil-Komunikazzjoni tal-2005 għandu jonqos awtomatikament għal medda ta' bejn 8 u 18-il xahar ([6]). Dan id-dewmien indikattiv ma jeskludix il-possibbiltà li, f'każijiet eċċezzjonali, proċedura tista' tieħu aktar żmien meta dan ikun iġġustifikat minn ċirkostanzi speċifiċi. Min-naħa l-oħra, dan ma jippreġudikax ix-xewqa tal-Kummissjoni li tfittex li l-Istati Membri jikkonformaw ruħhom rapidament kemm jista' jkun.

([1]) Din il-Komunikazzjoni tapplika wkoll għat-Trattat Euratom sa fejn l-Artikolu 106a ġdid ta' dak it-Trattat jirrendi l-Artikolu 260 tat-TFUE applikabbli għat-Trattat Euratom.
([2]) SEC(2005) 1658.
([3]) ĠU C 242, 21.8.1996, p. 6.
([4]) ĠU C 63, 28.2.1997, p. 2.
([5]) Bħala miżura tranżitorja, fil-każijiet fejn intbagħtet ittra ta' intimazzjoni qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, għandha tintbagħat ittra ta' intimazzjoni supplementari lill-Istat Membru kkonċernat sabiex jiġi informat li l-pass li jmiss se jkun it-tressiq ta' kawża quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u mhux aktar opinjoni motivata.
([6]) Ara s-sitt paragrafu l-punt 3 tat-Taqsima III tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – Ewropa li tikseb ir-riżultati – L-applikazzjoni tal-Liġi Komunitarja (COM(2007) 502 finali), fejn il-Kummissjoni kienet indikat, fir-rigward tal-proċedura tal-ex Artikolu 228 tat-Trattat KE, li "skont iċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' każi eċċezzjonali, il-perjodu ekwivalenti fi proċedimenti sabiex jiġi żgurat ir-rispett għas-sentenza preċedenti tal-Qorti għandu jkun fuq medja bejn it-12 u l-24 xahar". Dawn iċ-ċirkostanzi speċifiċi jistgħu jinkludu b'mod partikolari każijiet fejn l-implimentazzjoni ta' sentenza preċedenti tinvolvi miżuri bil-għan li jiżviluppaw jew isaħħu l-infrastrutturi fil-post jew li jitwettqu obbligi ta' riżultat.

4. Mill-bqija, il-mekkaniżmu tal-Artikolu 260(2) tat-TFUE jikkorrispondi kompletament għal dak tal-ex Artikolu 228 tat-Trattat KE. Il-Komunikazzjoni tal-2005 għaldaqstant tibqa' kompletament applikabbli għall-proċeduri rregolati mill-Artikolu 260(2), ladarba t-tneħħija tal-opinjoni motivata ma teħtieġ li ssir l-ebda emenda għaliha.

5. It-tieni innovazzjoni, aktar sostanzjali, tat-Trattat ta' Lisbona tinsab fil-paragrafu 3 l-ġdid tal-Artikolu 260 tat-TFUE, li jaqra kif ġej:

"— Meta l-Kummissjoni tressaq każ quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 258, fuq il-bażi li l-Istat Membru kkonċernat ikun naqas milli jissodisfa l-obbligi tiegħu li jinnotifika miżuri li jittrasponu direttiva adottata skont il-proċedura leġiżlattiva, din tista', meta jidhrilha xieraq, tispeċifika l-ammont ta' ħlas ta' somma f'daqqa jew ta' pagamenti ta' penali li għandu jħallas l-Istat Membru kkonċernat u li hi tikkunsidra xieraq fiċ-ċirkostanzi.

— Jekk il-Qorti ssib li hemm ksur ta' liġi tista' timponi l-ħlas ta' somma f'daqqa jew ta' pagamenti ta' penalità fuq l-Istat Membru kkonċernat, li ma tkunx taqbeż l-ammont speċifikat mill-Kummissjoni. L-obbligu tal-ħlas għandu jidħol fis-seħħ fid-data stabbilita mill-Qorti fis-sentenza tagħha.".

6. Dan il-paragrafu joħloq strument kompletament ġdid: il-Kummissjoni tista' tipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja, mill-mument li tressaq rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu skont l-Artikolu 258 (ex Artikolu 226 tat-Trattat KE), li timponi l-ħlas ta' somma f'daqqa jew ta' pagamenti ta' penali fl-istess sentenza li tikkonstata li Stat Membru jkun naqas li jwettaq l-obbligu tiegħu li jinnotifika miżuri li jittrasponu direttiva adottata skont il-proċedura leġiżlattiva.

7. Din l-innovazzjoni fit-Trattat għandha l-għan li tħajjar b'mod aktar b'saħħtu lill-Istati Membri jittrasponu d-direttivi fit-termini stabbiliti mil-leġiżlatur u li b'hekk tiżgura l-effikaċja reali tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Għalhekk, it-Trattat ta' Lisbona jieħu inkunsiderazzjoni l-importanza kruċjali ta' traspożizzjoni tempestiva tad-direttivi mill-Istati Membri. Dan ma jinvolvix biss is-salvagwardja tal-interessi ġenerali li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tfittex li tippromwovi, fejn id-dewmien mhuwiex aċċettabbli, iżda wkoll u fuq kollox, il-protezzjoni taċ-ċittadini Ewropej li jgawdu minn drittijiet individwali taħt din il-leġiżlazzjoni. Fl-aħħar mill-aħħar, hija l-kredibbiltà tad-dritt tal-Unjoni fit-totalità kollu tiegħu li tiġi mminata jekk l-atti leġiżlattivi jieħdu snin twal sabiex jipproduċu bis-sħiħ l-effetti ġuridiċi tagħhom fl-Istati Membri.

8. F'din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni tispjega kif se tagħmel użu minn din id-dispożizzjoni l-ġdida maħluqa mit-Trattat ta' Lisbona.

9. Fil-kuntest tal-Artikolu 260(3) l-ġdid, il-Kummissjoni, bħala gwardjan tat-Trattati, għandha rwol determinanti upstream: għandha s-setgħa li tibda l-proċedura prevista fl-Artikolu 258 u li tikkombinaha flimkien ma' talba skont l-Artikolu 260(3), billi tipproponi li jiġi impost ħlas ta' somma f'daqqa u/jew ta' pagamenti ta' penali ta' ammont speċifiku. F'dan il-każ, u għall-kuntrarju tal-proċedura prevista fl-Artikolu 260(2), is-sanzjoni li għandha tiġi imposta se tiġi stabbilita mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-limitu tal-ammont indikat mill-Kummissjoni.

10. L-applikazzjoni każ b'każ tal-prinċipji u tal-kriterji ġenerali spjegati aktar 'il quddiem, kif ukoll l-iżviluppi fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dan ir-rigward, għandhom jippermettu lill-Kummissjoni biex tiżviluppa aktar il-politika tagħha wara l-adozzjoni ta' din il-Komunikazzjoni. Minħabba li s-sanzjoni finanzjarja għandha tkun dejjem adattata għall-każ speċifiku, il-Kummissjoni, fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tagħha, tirriżerva l-possibbiltà li titbiegħed minn dawn il-kriterji ġenerali, meta jidhrilha li dan ikun iġġustifikat f'każijiet partikolari, filwaqt li tagħti raġunijiet dettaljati.

11. L-Artikolu 260(3) huwa strument innovattiv introdott mit-Trattat bil-għan li jipprovdi soluzzjoni effettiva għall-problema mifruxa tat-traspożizzjoni tardiva ta' direttivi, problema li tibqa' dejjem waħda preokkupanti. Fir-rapport annwali tagħha dwar l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Kummissjoni se tuża l-istatistiċi disponibbli biex teżamina fil-fond il-prestazzjoni tal-Istati Membri fir-rigward tat-traspożizzjoni tad-direttivi fit-termini previsti. Jekk ir-riżultati ma jurux titjib sostanzjali, il-Kummissjoni se tadatta l-approċċ tagħha u tirrevedi l-politika stabbilita f'din il-Komunikazzjoni.

## II. **PRINĊIPJI ĠENERALI**

12. Qabel kollox, il-Kummissjoni tfakkar it-tliet prinċipji ġenerali li għandhom iservu ta' gwida għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 260(3), hekk kif diġà qed jiggwidaw l-implimentazzjoni tal-paragrafu 2 tal-istess Artikolu.

13. L-ewwel, l-iffissar tas-sanzjoni għandu jkun iggwidat mill-għan essenzjali ta' dan l-istrument, jiġifieri li tiġi żgurata t-traspożizzjoni fiż-żmien previst mid-dritt tal-Unjoni u li tiġi evitata r-repetizzjoni ta' dan it-tip ta' ksur. Il-Kummissjoni tqis li dan l-iffissar għandu jkun ibbażat fuq tliet kriterji fundamentali:

— il-gravità tal-ksur,

— id-dewmien tiegħu,

— il-ħtieġa li jiġi żgurat li sanzjoni nfisha jkollha effett dissważiv sabiex jiġi evitat ksur ulterjuri.

14. It-tieni, is-sanzjonijiet proposti lill-Qorti tal-Ġustizzja mill-Kummissjoni għandhom ikunu previdibbli għall-Istati Membri u kkalkulati skont metodu li jirrispetta kemm il-prinċipju tal-proporzjonalità kif ukoll il-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-Istati Membri. Huwa importanti wkoll li jiġi applikat metodu ċar u uniformi, minħabba li l-Kummissjoni għandha tiġġustifika l-iffissar tal-ammont propost quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

15. It-tielet, mill-aspett tal-effikaċja tas-sanzjoni, huwa importanti li jkunu stabbiliti ammonti xierqa sabiex jiġi żgurat l-effett dissważiv tagħha. L-impożizzjoni ta' sanzjonijiet purament simboliċi tirrendi dan l-istrument inutli u tmur kontra l-għan li tiġi żgurata t-traspożizzjoni tad-direttivi fit-termini preskritti.

## III. L-UŻU TAL-ISTRUMENT IL-ĠDID

16. Skont l-Artikolu 260(3), il-Kummissjoni tista' tirrikorri għall-possibbiltà l-ġdida pprovduta b'dan l-Artikolu "meta jidhrilha xieraq". Din il-formulazzjoni għandha tinftiehem li qed tagħti setgħa diskrezzjonali wiesgħa lill-Kummissjoni, b'mod analogu għas-setgħa diskrezzjonali li tibda jew le l-proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu skont l-Artikolu 258, li l-Kummissjoni għandha skont ġurisprudenza stabbilita.

17. Fil-qafas tal-eżerċizzju ta' din is-setgħa diskrezzjonali, il-Kummissjoni tqis li huwa xieraq li tirrikorri għall-istrument tal-Artikolu 260(3) fil-prinċipju fil-każijiet kollha ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu koperti minn din id-dispożizzjoni, li tikkonċerna t-traspożizzjoni ta' direttivi adottati skont proċedura leġiżlattiva. Fil-fatt, l-importanza li tiġi żgurata t-traspożizzjoni mill-Istati Membri fit-termini preskritti tapplika b'mod ugwali għad-direttivi leġiżlattivi kollha, mingħajr ma għandha ssir minn qabel xi distinzjoni bejniethom. Madanakollu, il-Kummissjoni ma teskludix li jista' jkun hemm każijiet speċifiċi fejn ikun jidhrilha li t-talba għal sanzjonijiet skont l-Artikolu 260(3) ma tkunx xierqa.

18. L-użu tal-Artikolu 260(3) mhuwiex possibbli f'każ li ma tkunx saret it-traspożizzjoni ta' direttivi mhux leġiżlattivi. Għaldaqstant, il-Kummissjoni jkollha tkompli tressaq il-kwistjonijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel permezz ta' proċedura skont l-Artikolu 258 u sussegwentement, jekk ma tkunx twettqet l-eżekuzzjoni ta' sentenza, permezz tat-tieni tressiq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 260(2).

19. Għandu jiġi osservat li n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu previst fl-Artikolu 260(3) ikopri kemm in-nuqqas totali li tiġi nnotifikata kwalunkwe miżura ta' traspożizzjoni ta' direttiva kif ukoll il-każijiet fejn in-notifika ta' miżuri ta' traspożizzjoni tkun waħda parzjali. Dan l-aħħar każ jista' jseħħ, jew meta l-miżuri ta' traspożizzjoni nnotifikati ma jkunux ikopru t-territorju kollu tal-Istat Membru, jew meta n-notifika tkun inkompleta f'dak li għandu x'jaqsam mal-miżuri ta' traspożizzjoni li jikkorrispondu għal parti mid-direttiva. Meta Stat Membru jkun ipprovda l-ispjegazzjonijiet kollha neċessarji dwar il-mod kif huwa jaħseb li jkun ittraspona d-direttiva kollha, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra li l-Istat Membru ma jkunx naqas li jwettaq l-obbligu tiegħu li jinnotifika l-miżuri ta' traspożizzjoni u għaldaqstant, l-Artikolu 260(3) ma jkunx applikabbli. Kwalunkwe tilwima li tista' tinqala' rigward in-natura suffiċjenti tal-miżuri ta' traspożizzjoni nnotifikati jew tar-regoli tad-dritt eżistenti fis-sistema legali nazzjonali se tiġi ttrattata skont il-proċedura normali dwar it-traspożizzjoni korretta tad-direttiva, skont l-Artikolu 258.

## IV. IŻ-ŻEWĠ TIPI TA' SANZJONIJIET PREVISTI

20. L-Artikolu 260(3) jippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja li timponi, fuq talba tal-Kummissjoni, il-ħlas "ta' somma f'daqqa jew ta' pagamenti ta' penali". Il-Kummissjoni tqis li, fid-dawl tal-għan tagħha, din il-formulazzjoni, bħall-formulazzjoni analoga li tinsab fil-paragrafu 2 tal-istess Artikolu, ma teskludix il-possibbiltà li jiġu kkombinati ż-żewġ tipi ta' sanzjonijiet fl-istess sentenza ([7]).

([7]) Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, *Il-Kummissjoni* vs *Franza*, C-304/02, Ġabra p. I-6263.

21. Minħabba l-fatt li din l-innovazzjoni tat-Trattat ta' Lisbona se tippermetti li jiġu imposti sanzjonijiet għal nuqqas ta' notifika fi stadju ħafna aktar bikri minn kif kien jiġri qabel, il-Kummissjoni tispera li s-sanzjoni tal-pagamenti ta' penali fil-prinċipju tkun suffiċjenti sabiex jintlaħaq l-għan ta' din l-innovazzjoni tat-Trattat, jiġifieri li l-Istati Membri jingħataw inċentiv akbar sabiex jittrasponu d-direttivi fiż-żmien previst. Madanakollu, minn issa 'l quddiem, il-Kummissjoni se tipproponi wkoll li jsir il-ħlas ta' somma f'daqqa meta jkun xieraq, jekk dan ikun iġġustifikat miċ-ċirkostanzi tal-każ. Barra minn hekk, skont il-prassi tal-Istati Membri, il-Kummissjoni mhijiex se teżita sabiex tadatta l-approċċ tagħha billi tirrikorri għall-ħlas ta' somma f'daqqa għall-każijiet kollha (ara l-punt 11).

22. F'konformità mal-loġika inerenti taż-żewġ tipi ta' sanzjonijiet, il-Kummissjoni, fil-kawżi pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fejn tkun ipproponiet biss pagamenti ta' penali, hija se tirtira r-rikors tagħha jekk l-Istat Membru jinnotifika l-miżuri ta' traspożizzjoni meħtieġa sabiex itemm il-ksur. Minnaħa l-oħra, fil-kawżi pendenti fejn tkun ipproponiet ukoll il-ħlas ta' somma f'daqqa, hija mhijiex se tirtira l-proċedura sempliċement minħabba li tkun saret in-notifika meħtieġa ([8]).

## V. L-IFFISSAR TAL-AMMONT TAL-PAGAMENTI TA' PENALI U, FEJN MEĦTIEĠ, TAS-SOMMA F'DAQQA

23. Il-pagamenti ta' penali li l-Kummissjoni se tipproponi skont l-Artikolu 260(3) se jiġu kkalkulati skont l-istess metodu użat għat-tressiq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja skont il-paragrafu 2 tal-istess Artikolu, kif spjegat fil-punti 14 sa 18 tal-Komunikazzjoni tal-2005.

24. B'hekk, l-ammont tal-pagamenti ta' penali ta' kuljum huwa kkalkulat billi jiġi mmultiplikat l-ammont standard b'rata fissa (il-punt 15 tal-Komunikazzjoni tal-2005 ([9])), l-ewwel b'koeffiċjent tal-gravità u b'koeffiċjent tad-dewmien, u mbagħad, bil-fattur fiss "n" għal kull pajjiż li jieħu inkunsiderazzjoni l-kapaċità ta' ħlas tal-Istat Membru inkwistjoni (il-punt 18 tal-Komunikazzjoni tal-2005 ([10])).

25. Il-koeffiċjent tal-gravità tal-ksur se jiġi stabbilit f'konformità mar-regoli u l-kriterji msemmija fil-punti 16 sa 16.6 tal-Komunikazzjoni tal-2005. Il-Kummissjoni se tkompli tapplika dawn ir-regoli u l-kriterji bl-istess mod kif kienu qed jiġu applikati sa issa fil-kawżi mressqa skont l-ex Artikolu 228 tat-Trattat KE li jikkonċernaw in-nuqqas ta' notifika ta' miżuri ta' traspożizzjoni ta' direttivi. B'mod partikolari, meta, f'konformità mal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali u mal-prassi attwali, l-Istat Membru jindika li jkun naqas parzjalment milli jinnotifika l-miżuri, dan jista' jikkostitwixxi ċirkostanza mitiganti li twassal għall-applikazzjoni ta' koeffiċjent ta' gravità aktar baxx milli fil-każ ta' nuqqas sħiħ ta' traspożizzjoni.

26. Jekk il-Kummissjoni eventwalment tirrevedi l-politika tagħha (ara l-punt 11), hija se tagħti attenzjoni partikolari lill-kwistjoni tal-koeffiċjenti ta' gravità, filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni l-iżviluppi futuri tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

27. Fir-rigward tal-iffissar tal-koeffiċjent ta' dewmien, li għandu jiġi kkalkulat f'konformità mal-punt 17 tal-Komunikazzjoni tal-2005, id-dewmien tal-ksur li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni huwa l-perjodu li jibda jiddekorri mill-jum ta' wara l-iskadenza tat-terminu stabbilit għat-traspożizzjoni fid-direttiva inkwistjoni (suġġett għall-punt 31).

28. Fil-każijiet fejn il-Kummissjoni tiddeċiedi li tipproponi wkoll somma f'daqqa, l-ammont ta' din is-somma għandu jiġi kkalkulat skont il-metodu spjegat fil-punti 19 sa 24 tal-Komunikazzjoni tal-2005, bl-unika preċiżazzjoni li d-*dies a quo* ([11]) għandu jiġi definit bħala l-jum ta' wara l-iskadenza tat-terminu stabbilit għat-traspożizzjoni fid-direttiva.

## VI. ID-DATA TAD-DĦUL FIS-SEĦĦ TAL-OBBLIGU TAL-ĦLAS TAS-SANZJONI IMPOSTA

29. Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 260(3), meta l-Qorti tal-Ġustizzja timponi sanzjoni fuq l-Istat Membru kkonċernat, l-obbligu tal-ħlas ta' din is-sanzjoni "għandu jidħol fis-seħħ fid-data stabbilita mill-Qorti fis-sentenza tagħha". Din id-dispożizzjoni tippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja tistabbilixxi, bħala data tad-dħul fis-seħħ, jew il-jum li fih tingħata s-sentenza, jew inkella mument ieħor sussegwenti. Għandu jiġi osservat li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-istess marġni ta' diskrezzjoni taħt l-Artikolu 228

([8]) Ara, b'mod analogu, il-punt 11 tal-Komunikazzjoni tal-2005.
([9]) Kif aġġornat mill-Komunikazzjoni tal-20 ta' Lulju 2010 (SEC(2010) 923).
([10]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna nru 9.
([11]) Il-jum li minnu jibda jiddekorri l-perjodu li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni sabiex tiġi kkalkulata s-somma f'daqqa (ara l-punt 22 tal-Komunikazzjoni tal-2005).

tat-Trattat KE, minkejja li ma kien hemm l-ebda dispożizzjoni espliċita f'dak l-Artikolu. Il-Qorti tal-Ġustizzja rarament għamlet użu minn dan biex tistabbilixxi mument sussegwenti għad-data li fiha tingħata s-sentenza tagħha ([12]); u fi kwalunkwe każ, hija qatt ma għamlet dan fil-każijiet li jikkonċernaw in-nuqqas ta' notifika ta' miżuri ta' traspożizzjoni ta' direttivi.

30. Fl-opinjoni tal-Kummissjoni, ikun xieraq li jiġi stabbilit b'mod ġenerali, fil-kuntest tal-Artikolu 260(3), il-jum tal-għoti tas-sentenza bħala d-data li fiha jidħol fis-seħħ l-obbligu tal-ħlas tas-sanzjonijiet imposti. Minn dan isegwi li l-pagamenti ta' penali ta' kuljum għandhom jibdew jiddekorru mill-jum tal-għoti tas-sentenza.

## VII. **REGOLA TRANŻITORJA**

31. Il-Kummissjoni se tapplika l-istrument il-ġdid previst fl-Artikolu 260(3), kif ukoll il-prinċipji u l-kriterji għall-implimentazzjoni tiegħu spjegati f'din il-Komunikazzjoni, għall-proċeduri mibdija skont l-Artikolu 258 wara l-pubblikazzjoni ta' din il-Komunikazzjoni kif ukoll għall-proċeduri mibdija qabel il-pubblikazzjoni tagħha, minbarra dawk li jkunu diġà tressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Fil-proċeduri li fihom tkun diġà nħarġet opinjoni motivata, il-Kummissjoni se toħroġ opinjoni motivata supplementari li fiha tavża lill-Istat Membru kkonċernat li hija se tippreżenta talba skont l-Artikolu 260(3), f'każ li l-kwistjoni titressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Fl-iffissar tal-ammont tas-sanzjonijiet u f'dak li għandu x'jaqsam mad-dewmien tal-ksur, il-Kummissjoni mhijiex se tieħu inkunsiderazzjoni l-perjodu ta' qabel l-1 ta' Diċembru 2009, id-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona.

---

([12]) Fost id-disa' sentenzi mogħtija skont l-Artikolu 228 Tat-Trattat KE u li imponew sanzjoni, kien fi tliet każijiet biss li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tistabbilixxi mument sussegwenti għall-għoti tas-sentenza tagħha bħala l-ewwel skadenza għall-ħlas ta' pagamenti ta' penali. Ara s-sentenzi, *Il-Kummissjoni* vs *Spanja*, C-278/01, Ġabra p. I-14141; *Il-Kummissjoni* vs *Franza*, C-304/02, Ġabra p. I-6263; *Il-Kummissjoni* vs *Ir-Repubblika Ellenika*, C-369/07, Ġabra p. I-5703.

# IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## FTEHIM

## tal-31 ta' Diċembru 2010

## bejn Eesti Pank u l-Bank Ċentrali Ewropew dwar il-klejm ikkreditat lil Eesti Pank mill-Bank Ċentrali Ewropew taħt l-Artikolu 30.3 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew

(2011/C 12/02)

EESTI PANK U L-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 3(1) ta' Deċiżjoni 2011/23/UE tal-31 ta' Diċembru 2010 dwar il-ħlas tal-kapital, it-trasferiment ta' assi ta' riżervi barranin u kontribuzzjonijiet minn Eesti Pank lir-riżervi u l-provvisti tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2010/34) ([1]), l-ammont totali ekwivalenti f'euro ta' assi ta' riżervi barranin illi Eesti Pank huwa mitlub jittrasferixxi lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) b'effett mill-1 ta' Jannar 2011 skont l-Artikolu 48.1 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn hawn 'il quddiem l-"Istatut tas-SEBĊ") huwa ta' EUR 145 853 596,60.

(2) Skont l-Artikolu 30.3 tal-Istatut tas-SEBĊ u l-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni 2011/23/UE (BĊE/2010/34), b'effett mill-1 ta' Jannar 2011 il-BĊE huwa mitlub jikkredita lil Eesti Pank bi klejm denominata f'euro ekwivalenti għall-ammont totali f'euro tal-kontribuzzjoni ta' Eesti Pank ta' assi ta' riżervi barranin, suġġett għall-ispeċifikazzjonijiet li għalihom hemm provvediment fl-Artikolu 3 ta' dik id-Deċiżjoni. Il-BĊE u Eesti Pank jaqblu illi jistabbilixxu l-klejm ta' Eesti Pank għal EUR 103 115 678,01 sabiex jiżguraw illi l-proporzjon bejn l-ammont f'euro tal-klejm ta' Eesti Pank u l-ammont totali f'euro tal-klejms ikkreditati lill-banek ċentrali nazzjonali l-oħra ta' Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (minn hawn 'il quddiem il-"BĊNi l-oħra") ikun ekwivalenti għall-proporzjon bejn l-ippeżar ta' Eesti Pank fl-iskema tal-kaptal tal-BĊE u l-ippeżar totali tal-BĊNi l-oħra f'din l-iskema.

(3) Id-differenza bejn l-ammonti msemmijin fil-premessi 1 u 2 tirriżulta minn (a) l-applikazzjoni lill-valur ta' assi ta' riżervi barranin diġà ittrasferiti minn Eesti Pank skont Artikolu 30.1 tal-Istatut tas-SEBĊ tar-"rati tal-kambju kurrenti" msemmijin fl-Artikolu 48.1 tal-Istatut tas-SEBĊ u (b) l-effett fuq il-klejms skont l-Artikolu 30.3 tal-Istatut tas-SEBĊ miżmumin mill-BĊNi l-oħra tal-aġġustamenti tal-iskema kapitali tal-BĊE fl-1 ta' Jannar 2004 u l-1 ta' Jannar 2009 skont l-Artikolu 29.3 tal-Istatut tas-SEBĊ u l-espansjonijiet tal-iskema kapitali tal-BĊE fl-1 ta' Mejju 2004 u fl-1 ta' Jannar 2007 skont l-Artikolu 48.3 tal-Istatut tas-SEBĊ.

(4) Minħabba d-differenza fuq imsemmija, il-BĊE u Eesti Pank jaqblu illi l-klejm ta' Eesti Pank tista' titnaqqas billi tiġi kkumpensata bl-ammont li Eesti Pank huwa mitlub jikkontribwixxi għar-riżervi u l-provvisti tal-BĊE skont l-Artikolu 48.2 tal-Istatut tas-SEBĊ u l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni 2011/23/UE (BĊE/2010/34), f'każ li l-klejm ta' Eesti Pank hija akbar mill-ammont ta' EUR 103 115 678,01.

(5) Il-BĊE u Eesti Pank għandhom jaqblu dwar modalitajet oħrajn sabex tiġi kkreditata l-klejm ta' Eesti Pank, billi jiġi kkunsidrat illi, skont iċ-ċaqliq fil-kambju barrani, jista' jkun neċessarju illi tiżdied aktar milli titnaqqas il-klejm għall-ammont imsemmi fil-premessa 2.

(6) Il-Kunsill Governattiv approva d-dħul tal-BĊE f'dan il-Ftehim, li jikkonċerna deċiżjoni li għandha tittieħed taħt l-Artikolu 30 tal-Istatut tas-SEBĊ, skont l-Artikolu 10.3 tal-Istatut tas-SEBĊ u l-proċedura speċifikata fih,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

**Modalitajiet għall-ikkreditar tal-klejm ta' Eesti Pank**

1. Jekk l-ammont tal-klejm li l-BĊE huwa mitlub jikkredita lil Eesti Pank skont l-Artikolu 30.3 tal-Istatut tas-SEBĊ u l-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni 2011/23/UE (BĊE/2010/34) (minn hawn 'il quddiem il-'klejm') huwa akbar minn EUR 103 115 678,01 fid-data finali li fiha l-BĊE jirċievi assi ta' riżervi barranin mingħand Eesti Pank skont l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2011/23/UE (BĊE/2010/34), l-ammont tal-klejm għandu mbagħad jitnaqqas b'effett minn dik id-data għal EUR 103 115 678,01. Dan it-tnaqqis għandu jsir billi l-klejm tiġi kkumpensata bl-ammont li Eesti Pank huwa mitlub

([1]) ĠU L 11, 15.1.2011.

jikkontribwixxi għar-riżervi u l-provvedimenti tal-BĊE b'effett mill-1 ta' Jannar 2011 skont l-Artikolu 48.2 tal-Istatut tas-SEBĊ u l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni 2011/23/UE (BĊE/2010/34). L-ammont ikkumpensat għandu jiġi ttrattat bħala kontribuzzjoni bil-quddiem għar-riżervi u provvedimenti tal-BĊE skont l-Artikolu 48.2 tal-Istatut tas-SEBĊ u l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni 2011/23/UE (BĊE/2010/34), li għandha titqies li saret fid-data li fiha jseħħ il-kumpens.

2. Jekk l-ammont mitlub bħala kontribuzzjoni minn Eesti Pank għar-riżervi u provvedimenti tal-BĊE skont l-Artikolu 48.2 tal-Istatut tas-SEBĊ u l-Artikolu 5(1) tad-Deċizjoni 2011/23/UE (BĊE/2010/34) huwa ta' anqas mid-differenza bejn l-ammont tal-klejm ta' Eesti Pank u EUR 103 115 678,01, l-ammont tal-klejm għandu mbagħad jitnaqqas għal EUR 103 115 678,01: (a) billi jsir kumpens skont paragrafu 1 hawn fuq; u (b) billi l-BĊE jħallas lil Eesti Pank ammont f'euro ekwivalenti għall-ammont tad-defiċit li jkun baqa' wara dan il-kumpens. Kull ammont mitlub bħala ħlas mill-BĊE skont dan il-paragrafu għandu jkun dovut fl-1 ta' Jannar 2011. Il-BĊE għandu, fiż-żmien propizju, jagħti struzzjonijiet għat-trasferiment ta' dan l-ammont, u tal-imgħax nett li jkun akkumula fuqu, permezz tas-sistema Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer (TARGET2). L-imgħax akkumulat għandu jinħadem ta' kuljum, permezz tal-metodu ta' kalkolazzjoni *actual over-360-day* b'rata ekwivalenti għar-rata ta' imgħax marġinali użata mill-Eurosistema fl-operazzjoni ewlenija ta' rifinanzjament l-aktar riċenti tagħha.

3. Jekk l-ammont tal-klejm ta' Eesti Pank huwa ta' anqas minn EUR 103 115 678,01 fid-data finali li fiha l-BĊE jirċievi assi ta' riżervi barranin mingħand Eesti Pank skont l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2011/23/UE (BĊE/2010/34), l-ammont tal-klejm imbagħad jiżdied f'dik id-data għal EUR 103 115 678,01 u Eesti Pank għandu jħallas lill-BĊE ammont f'euro li huwa ekwivalenti għad-differenza. Kull ammont li huwa mitlub li jitħallas minn Eesti Pank skont dan il-paragrafu għandu jkun dovut mill-1 ta' Jannar 2011, u għandu jitħallas skont il-proċeduri speċifikati fl-Artikolu 5(4) u (5) tad-Deċiżjoni 2011/23/UE (BĊE/2010/34)

*Artikolu 2*

**Dispożizzjonijiet finali**

1. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2011.

2. Dan il-Ftehim għandu jitħejja f'żewġ kopji oriġinali bl-Ingliż debitament iffirmati. Il-BĊE u Eesti Pank għandhom iżommu kopja oriġinali ta' dan kull wieħed.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-31 ta' Diċembru 2010.

| *Għal Eesti Pank* | *Għall-Bank Ċentrali Ewropew* |
|---|---|
| Andres LIPSTOK | Jean-Claude TRICHET |
| *Gvernatur* | *President* |

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Rata tal-kambju tal-euro (1)

## L-14 ta' Jannar 2011

(2011/C 12/03)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,3349 | AUD | Dollaru Awstraljan | 1,3528 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 110,71 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,3300 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4498 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 10,3796 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,84220 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,7396 |
| SEK | Krona Żvediża | 8,9765 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,7222 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,2915 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 493,78 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 9,2959 |
| NOK | Krona Norveġiża | 7,8500 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 8,7970 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | HRK | Kuna Kroata | 7,3985 |
| CZK | Krona Ċeka | 24,384 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 12 030,62 |
| HUF | Forint Ungeriż | 276,60 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,0886 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | PHP | Peso Filippin | 59,202 |
| LVL | Lats Latvjan | 0,7019 | RUB | Rouble Russu | 40,1143 |
| PLN | Zloty Pollakk | 3,8800 | THB | Baht Tajlandiż | 40,687 |
| RON | Leu Rumen | 4,2652 | BRL | Real Brażiljan | 2,2524 |
| TRY | Lira Turka | 2,0730 | MXN | Peso Messikan | 16,2500 |
| | | | INR | Rupi Indjan | 60,6595 |

(1) *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

# DEĊIŻJONI TAL-PRESIDENT TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

## tal-10 ta' Jannar 2011

## dwar in-nomina tal-membri tal-Grupp Ewropew dwar l-Etika fix-Xjenza u t-Teknoloġiji l-Ġodda għar-raba' mandat tiegħu

(2011/C 12/04)

IL-PRESIDENT TAL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Diċembru 1997 (SEC(97) 2404) li toħloq il-Grupp Ewropew dwar l-Etika fix-Xjenza u t-Teknoloġiji l-Ġodda (GEE) u li tawtorizza lill-President tal-Kummissjoni Ewropea biex jaħtar il-membri,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Marzu 2001 (C(2001) 691) li tikkonċerna l-emenda tad-delega tal-Grupp Ewropew dwar l-Etika fix-Xjenza u t-Teknoloġiji l-Ġodda,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Mejju 2005 (2005/383/KE) dwar it-tiġdid tad-delega tal-Grupp Ewropew dwar l-Etika fix-Xjenza u t-Teknoloġiji l-Ġodda, estiż mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/757/KE ([1]),

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/1/UE tat-23 ta' Diċembru 2009 ([2]) dwar it-tiġdid tal-mandat tal-Grupp Ewropew dwar l-Etika fix-Xjenza u t-Teknoloġiji l-Ġodda,

Billi:

(1) Il-GEE huwa korp konsultattiv indipendenti u multidixxiplinarju tal-Kummissjoni Ewropea, magħmul minn 15-il membru.

(2) 152 applikazzjoni ġew irċevuti wara s-sejħa għall-espressjonijiet ta' interess ([3]). Erbatax mill-membri preċedenti tal-GEE huma eliġibbli għal elezzjoni mill-ġdid ([4]) u tnax minnhom jixtiequ li jiġu kkunsidrati.

(3) Huwa neċessarju li tiġi żgurata firxa xierqa ta' ħiliet professjonali u esperjenza fis-sħubija mal-GEE.

(4) Il-membri jinħatru *ad personam* għall-kompetenzi u l-kwalitjiet personali tagħhom.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-mandat ta' dawn il-membri tal-GEE li spiċċalhom il-mandat huwa mġedded għal perjodu ta' ħames snin:

(1) Emmanuel Agius

(2) Inez de Beaufort

(3) Hille Haker

(4) Julian Kinderlerer

(5) Linda Nielsen

(6) Paula Martinho da Silva

(7) Pere Puigdoménech Rosell

(8) Günter Virt

*Artikolu 2*

L-individwi li ġejjin huma nominati bħala membri tal-GEE għal perjodu ta' ħames snin:

(1) Peter Dabrock

(2) Andrzej Górski

(3) Ritva Tuulikki Halila

(4) Herman Nys

(5) Siobhán Marie O'Sullivan

(6) Laura Palazzani

(7) Marie-Jo Thiel

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni se tiġi ppubblikata fi *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Jannar 2011.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

---

([1]) ĠU L 270, 15.10.2009, p. 18.
([2]) ĠU L 1, 5.1.2010, p. 8.
([3]) Ara r-raba' punt tal-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni 2010//UE: "L-identifikazzjoni u l-għażla tal-membri tal-GEE għandha ssir fuq il-bażi ta' sejħa miftuħa għall-espressjonijiet ta' interess.".
([4]) Ara t-tielet punt tal-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni 2010/1/UE: "Kull membru tal-GEE għandu jinħatar għal perjodu ta' ħames snin. Tali ħatra tista' tiġi mġedda għal żewġ perjodi ulterjuri.".

# INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

## FESTI PUBBLIĊI FL-2011

(2011/C 12/05)

| | |
|---|---|
| Belgique/België | 1.1, 24.4, 25.4, 1.5, 2.6, 3.6, 12.6, 13.6, 21.7, 22.7, 15.8, 31.10, 1.11, 2.11, 11.11, 15.11, 25.12, 26.12, 27.12, 28.12, 29.12, 30.12, 31.12 |
| България | 1.1, 3.3, 22.4, 23.4, 24.4, 25.4, 1.5, 6.5, 24.5, 6.9, 22.9, 1.11, 24.12, 25.12, 26.12 |
| Česká republika | 1.1, 25.4, 1.5, 8.5, 5.7, 6.7, 28.9, 28.10, 17.11, 24.12, 25.12, 26.12 |
| Danmark | 1.1, 21.4, 22.4, 24.4, 25.4, 20.5, 2.6, 12.6, 13.6, 25.12, 26.12 |
| Deutschland | 1.1, 22.4, 25.4, 1.5, 2.6, 13.6, 3.10, 25.12, 26.12 |
| Eesti | 1.1, 24.2, 22.4, 1.5, 12.6, 23.6, 24.6, 20.8, 24.12, 25.12, 26.12 |
| Éire/Ireland | 3.1, 17.3, 22.4, 25.4, 2.5, 6.6, 1.8, 31.10, 26.12, 27.12 |
| Ελλάδα | 1.1, 6.1, 7.3, 25.3, 22.4, 25.4, 1.5, 13.6, 15.8, 28.10, 25.12, 26.12 |
| España | 21.4, 22.4, 25.4, 9.5, 2.6, 3.6, 13.6, 21.7, 1.11, 26.12, 27.12, 28.12, 29.12, 30.12 |
| France | 1.1, 25.4, 1.5, 2.6, 13.6, 14.7, 21.7, 15.8, 1.11, 11.11, 25.12 |
| Italia | 1.1, 22.4, 25.4, 1.5, 2.6, 13.6, 21.7, 15.8, 1.11, 25.12, 26.12 |
| Κύπρος/Kıbrıs | 1.1, 25.3, 22.4, 25.4, 1.5, 9.5, 2.6, 3.6, 13.6, 21.7, 15.8, 1.10, 1.11, 23.12, 26.12 |
| Latvija | 1.1, 22.4, 24.4, 25.4. 1.5, 4.5, 8.5, 12.6, 23.6, 24.6, 18.11, 24.12, 25.12, 26.12, 31.12 |
| Lietuva | 1.1, 16.2, 11.3, 24.4, 25.4, 1.5, 5.6, 24.6, 6.7, 15.8, 1.11, 25.12, 26.12 |
| Luxembourg | 25.4, 2.6, 13.6, 23.6, 15.8, 1.11, 26.12 |
| Magyarország | 1.1, 15.3, 24.4, 25.4, 1.5, 12.6, 13.6, 20.8, 23.10, 1.11, 25.12, 26.12 |
| Malta | 1.1, 10.2, 19.3, 31.3, 22.4, 1.5, 7.6, 29.6, 15.8, 8.9, 21.9, 8.12, 13.12, 25.12 |
| Nederland | 1.1, 25.4, 30.4, 5.5, 2.6, 13.6, 25.12, 26.12 |
| Österreich | 1.1, 6.1, 25.4, 1.5, 2.6, 13.6, 23.6, 15.8, 26.10, 1.11, 8.12, 25.12, 26.12 |
| Polska | 1.1, 6.1, 24.4, 25.4, 1.5, 3.5, 12.6, 23.6, 15.8, 1.11, 11.11, 25.12, 26.12 |
| Portugal | 1.1, 22.4, 24.4, 25.4, 1.5, 10.6, 23.6, 15.8, 5.10, 1.11, 1.12, 8.12, 25.12 |
| România | 1.1, 2.1, 24.4, 25.4, 1.5, 12.6, 13.6, 15.8, 1.12, 25.12, 26.12 |
| Slovenija | 1.1, 2.1, 8.2, 24.4, 25.4, 27.4, 1.5, 2.5, 12.6, 25.6, 15.8, 31.10, 1.11, 25.12, 26.12 |
| Slovensko | 1.1, 6.1, 22.4, 25.4, 1.5, 8.5, 5.7, 29.8, 1.9, 15.9, 1.11, 17.11, 24.12, 25.12, 26.12 |
| Suomi/Finland | 1.1, 6.1, 22.4, 24.4, 25.4, 1.5, 2.6, 12.6, 25.6, 5.11, 6.12, 25.12, 26.12 |
| Sverige | 1.1, 6.1, 22.4, 24.4, 25.4, 1.5, 2.6, 6.6, 12.6, 25.6, 5.11, 25.12, 26.12 |
| United Kingdom | Wales and England: 3.1, 22.4, 25.4, 29.4, 2.5, 30.5, 29.8, 26.12, 27.12, 28.12<br>Northern Ireland: 3.1, 17.3, 22.4, 25.4, 29.4, 2.5, 30.5, 12.7, 29.8, 26.12, 27.12, 28.12<br>Scotland: 3.1, 4.1, 22.4, 29.4, 2.5, 30.5, 1.8, 30.11, 26.12, 27.12, 28.12 |

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2011 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 100 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 770 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 400 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi:<br>23 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 300 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i<br>tal-Kompetizzjoni | Eur 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT